# EEA Briefing 2006 01

ISSN 1830-5628

# Evalwazzjoni ta' l-integrazzjoni ambjentali tal-politika agrikola ta' l-UE

Il-biedja għandha impatt importanti fuq l-ambjent fl-Unjoni Ewropea (UE), kemm f'sens negattiv kif ukoll pożittiv. Il-politika agrikola komuni (PAK) hija forza ewlenija li tmexxi s-settur agrikolu, u b'hekk tista' tinfluwenza b'mod pożittiv tmexxija ambjentali mill-bdiewa. Din il-komunika tinvestiga jekk il-miżuri politiċi relevanti humiex immirati sew mill-perspettiva tal-bijodiversità. Din tibni fuq ir-riżultati ta' proġett dwar indikaturi agri-ambjentali għall-monitoraġġ ta' l-integrazzjoni ta' tħassib ambjentali fil-politika agrikola ta' l-UE (l-operazzjoni IRENA [1]). B'mod progressiv, il-PAK inkorporat firxa wiesgħa ta' strumenti politiċi agri-ambjentali. Madankollu, l-impatt tagħhom ġeneralment jiddependi fuq kemm hi effettiva l-implimentazzjoni fuq livell nazzjonali. Analiżi ġeografika turi illi l-koinċidenza bejn iż-żoni ta' Natura 2000 u l-iskemi agri-ambjentali tista' tittejjeb sabiex jinkisbu għanijiet ambjentali importanti. F'dan l-istadju, huwa meħtieġ sforz akbar fil-ġbir tad-dejta u l-evalwazzjoni tal-politika sabiex issir stima sħiħa ta' l-effett ambjentali tal-PAK.

## Agrikoltura u ambjent fl-UE-15

Il-proġett IRENA jiddeskrivi r-relazzjoni bejn l-agrikoltura u l-ambjent fl-UE-15 fuq il-bażi ta' 35 indikatur agri-ambjentali. Dan juri illi l-biedja għandha impatt sinifikanti fuq il-ħamrija u r-riżorsi ta' l-ilma. Per eżempju, l-agrikoltura hija responsabbli għal madwar 50 % ta' l-użu ta' l-ilma fl-Ewropa t'isfel u tikkontribwixxi għal madwar 50 % tat-tniġġis totali tan-nitroġenu fl-ixmajjar ta' l-UE-15. Hija responsabbli wkoll għal madwar 10 % ta' l-emissjonijiet totali ta' l-effett serra u 94 % ta' l-emmissjonijiet ta' ammonja fl-UE-15. Min-naħa l-oħra, l-agrikoltura tista' tirrappreżenta wkoll sors ta' enerġija li tista' tiġġedded, per eżempju bil-produzzjoni ta' bijogass jew bijodiżil. Barra minn hekk, il-biedja hija importanti ferm għall-ħarsien tal-bijodiversità u l-pajżaġġi fl-Ewropa. Għalkemm l-agrikoltura intensiva tagħmel ħsara lill-bijodiversità, il-prattiċi ta' biedja estensivi jistgħu fil-fatt jgħinu biex tinżamm il-bijodiversità fl-Ewropa. Dan jidher ċar mill-analiżi ta' l-użu ta' l-art fi ħdan in-netwerk ta' żoni protetti ta' Natura 2000 fl-UE-15 (ara l-figura 1). Porzjon sinifikanti ta' ambjenti f'dawn is-siti ta' konservazzjoni, b'mod partikolari fil-Mediterran u f'żoni tal-muntanji, jiddependu fuq prattiċi ta' biedja estensivi. Biex jinżammu s-sistemi ta' biedja estensivi f'dawn iż-żoni, spiss ikun meħtieġ appoġġ politiku b'mira.

## Politika agrikola u integrazzjoni ambjentali

L-integrazzjoni b'suċċess ta' objettivi ambjentali fil-politika settorjali tiddependi fuq tlett aspetti differenti: tfassil b'attenzjoni tal-qafas politiku, implimentazzjoni tajba tal-politika, kif ukoll monitoraġġ u evalwazzjoni tal-politika.

[1] L-operazzjoni IRENA żviluppat 35 indikaturi ta' l-agri-ambjent fuq il-livell ta' l-UE-15 f'eżerċizzju konġunt bejn id-diversi Direttorati-Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea (DĠ Agrikultura u Żvilupp Rurali, DĠ Ambjent, Eurostat u DĠ Ċentru ta' Riċerka Konġunta) u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent li kkordinat il-proġett. Iktar informazzjoni dwar ir-rapporti u r-riżultati IRENA hija disponibbli fuq http://webpubs.eea.eu.int/content/irena/index.htm.

**Figura 1 Porzjon ta' ambjenti fi ħdan is-siti ta' Natura 2000 li jiddependu fuq prattiċi ta' biedja estensivi (Ritratt Lulju 2004)**



**Id-Direttiva dwar l-Abitati Anness 1 tipi ta' abitati agrikoli fil-mira f'siti ta' Natura 2000**

%

- 0–5
- 5–15
- 15–25
- 25–35
- 35–50
- > 50
- Mhux parti mill-UE-15
- Reġjun tan-NUTS (*)

(*) NUTS 2: AT, BE, DE, GR, IT, LU, NL, PT & UK.
NUTS 3: DK, FI, FR, IE, ES & SE.

NUTS — Nomenklatura ta' l-ishma territorjali għall-istatistika.
© Assoċjazzjoni EuroĠeografika għall-fruntieri amministrattivi.

**Sors:** Dejta ta' Natura 2000, Ċentru Topiku Ewropew dwar il-Ħarsien tan-Natura u l-Bijodiversità.

Dawn it-tlett aspetti huma analizzati fil-qosor fit-taqsimiet li ġejjin:

**Il-qafas politiku tal-PAK**

Sar progress sinifikanti fl-integrazzjoni tat-tħassib tal-politika ambjentali (eż. il-protezzjoni ta' l-ilma, il-ħamrija jew il-bijodiversità) fi ħdan il-PAK matul dawn l-aħħar għexieren ta' snin. Strumenti politiċi relevanti fi ħdan il-politika tas-suq tal-PAK jinkludu l-kondizzjonijiet ambjentali għal appoġġ tad-dħul ('kontro-konformità'), twarrib u primjum għall-uċuħ tar-raba' għall-produzzjoni ta' l-enerġija. Il-biċċa l-kbira tal-miżuri politiċi ambjentali jinsabu, madankollu, fit-taqsima ta' l-iżvilupp rurali tal-PAK. Dawn jinkludu skemi ta' agri-ambjent (li taħthom il-bdiewa jingħataw kumpens għal ġestjoni aħjar ta' l-ambjent), appoġġ għall-investiment ambjentali, ħlasijiet lil bdiewa f'żoni ta' Natura 2000 u taħriġ ambjentali. Kollox ma' kollox, il-qafas politiku tal-PAK jinkludi firxa ta' miżuri promettenti. Madankollu, l-effett finali tagħhom jiddependi fuq kif jiġu ffukati r-riżorsi tal-baġit u l-implimentazzjoni fuq livell nazzjonali.

**Implimentazzjoni ta' strumenti politiċi agri-ambjentali magħżula**

Ir-rapport ta' evalwazzjoni ta' IRENA 'Integrazzjoni ta' l-ambjent fil-politika agrikola ta' l-UE', janalizza l-implimentazzjoni ta' skemi agri-ambjentali minn żewġ perspettivi: l-immirar ġeografiku ta' dan l-istrument politiku fuq żoni li jirrappreżentaw l-akbar tħassib mil-lat ta' bijodiversità (żoni ta' Natura 2000), u eżempji pożittivi ta' l-implimentazzjoni tagħhom.

Il-Figura 2 turi kif l-immirar ta' skemi agri-ambjentali ġie analizzat fuq il-bażi ta' indikaturi agri-ambjentali magħżula. L-indikaturi li preżentament hemm dejta dwarhom fuq livell reġjonali jinkludu: 'porzjon ta' ambjenti agrikoli f'Natura 2000', 'żona taħt skemi agri-ambjentali' u 'żona taħt biedja organika'. L-analiżi statistika turi kemm jidhlu f xulxin sew l-iskemi agri-ambjentali u l-biedja organika ma' reġjuni fejn il-porzjon ta' ambjenti agrikoli fi ħdan żoni ta' Natura 2000 huwa kbir ħafna. Jekk ikun hemm koinċidenza statistika tajba allura wieħed jista' jassumi illi strument politiku huwa mmirat sew.

L-analiżi statistika tindika illi t-tqabbil ġeografiku bejn l-indikaturi ewlenin huwa ta' livell baxx. Dan jimplika l-ħtieġa li tiġi mmirata aħjar il-politika analizzata (skemi agri-ambjentali u biedja organika) f'reġjuni li jirrappreżentaw l-aktar tħassib mil-lat tal-bijodiversità fl-UE-15. Għandha tingħata aktar attenzjoni lil din il-kwistjoni fil-futur sabiex jiġi żgurat illi l-ambjenti ta' raba' fin-netwerk ta' Natura 2000 jiġu amministrati b'mod xieraq.

L-effettività ta' skemi agri-ambjentali (u ta' miżuri politiċi oħrajn) tiddependi mhux

biss fuq immirar ġeografiku xieraq iżda wkoll fuq tfassil u implimentazzjoni ta' l-iskema b'mod effettiv. Il-każijiet studjati mill-EEA jipprovdu eżempji pożittivi. Madankollu, studji oħrajn juru illi l-effett ta' skemi agri-ambjentali eżistenti fuq il-bijodiversità jistgħu jkunu ferm żbilanċjati (Kleijn u Sutherland, 2003). Għaldaqstant, huwa importanti li jiġi appoġġat il-qsim ta' l-aħjar prattika bejn l-Istati Membri ta' l-UE f'dan ir-rigward.

### Monitoraġġ u evalwazzjoni tal-politika

L-effett tal-qafas politiku agri-ambjentali tal-PAK u l-implimentazzjoni tiegħu jeħtieġ li jiġi evalwat permezz ta' monitoraġġ tat-tendenzi agrikoli u ambjentali. Kważi terz mill-indikaturi IRENA huma sostnuti minn dejta reġjonali li turi t-tip u d-distribuzzjoni reġjonali ta' kwistjonijiet agri-ambjentali fl-UE-15. Dan jippermetti analiżi limitata tas-suċċess li aktarx jinkiseb mill-integrazzjoni tal-politika, kif muri hawn fuq.

Madankollu, bosta mill-indikaturi agri-ambjentali IRENA dwar pressjonijiet agrikoli, l-istat ambjentali jew l-implimentazzjoni ta' l-istrumenti politiċi m'humiex sostnuti biżżejjed b'dejta, speċjalment fuq il-livell ġeografiku reġjonali. Dan ifisser illi l-analiżi ta' l-effett probabbli tal-politika agri-ambjentali fuq kwistjonijiet ambjentali oħrajn, bħat-tniġġis minn nutrijenti jew l-erożjoni tal-ħamrija, preżentament m'hijiex vijabbli fuq il-livell ta' l-UE-15.

## Implikazzjonijiet għat-tfassil tal-politika

Il-politika agrikola komuni ta' l-UE tipprovdi opportunità importanti għat-titjib tat-tmexxija ambjentali fis-settur agrikolu billi d-dħul mill-biedja jiddependi b'mod konsiderevoli fuq l-appoġġ tal-PAK. Madankollu, din l-opportunità ssir biss realtà meta l-miżuri politiċi relevanti jkunu mmirati sew ġeografikament, b'riżorsi adegwati u b'implimentazzjoni effettiva. Jekk dan huwa l-każ, allura l-PAK tista' tikkontribwixxi wkoll għall-kisba ta' objettivi ambjentali oħra tal-Komunità, bħall-ħarsien tal-bijodiversità permezz tan-netwerk Natura 2000.

Strateġija b'miri tajbin u bi spiża effettiva għall-integrazzjoni ambjentali fi ħdan il-PAK m'hijiex garantita awtomatikament. Kull strateġija sabiex il-politika agrikola tintuża għall-ħarsien ambjentali trid tkun ibbażata fuq monitoraġġ ambjentali komprensiv u evalwazzjoni

**Figura 2 Ħarsa ġenerali u riżultati ta' l-analiżi ta' l-immirar għall-bijodiversità**




**Kif għandha tiġi analizzata l-integrazzjoni tal-politika?**

Il-kejl ta' l-integrazzjoni tal-politika huwa eżerċizzju kumplikat. L-ewwelnett, it-tendenzi fl-agrikolatura b'relevanza għall-ambjent m'humiex immexxija biss mill-qafas politiku tal-PAK, iżda wkoll minn fatturi tas-suq, soċjo-ekonomiċi u teknoloġiċi. Għaldaqstant, il-politika agrikola jew ambjentali ma tistax tinfluwenza faċilment it-tendenzi kollha tas-settur tal-biedja li għandhom impatt fuq l-ambjent. It-tieni nett, l-integrazzjoni ambjentali fuq livell ta' politika hija proċess kumplikat. Din tiddependi mhux biss fuq il-qafas politiku jew l-implimentazzjoni ta' miżuri, iżda wkoll fuq kultura adattata ta' kooperazzjoni bejn il-korpi amministrattivi, proċeduri xierqa ta' evalwazzjoni tal-politika u fatturi oħrajn (EEA, 2005a). Ħafna minn dawn il-kwistjonijiet ma setgħux jiġu indirizzati fl-analiżi ta' integrazzjoni ta' IRENA.

TH-AM-06-001-MT-C

effettiva tal-politika. Hekk biss jistgħu jittieħdu deċiżjonijiet politiċi li jipprovdu l-aħjar riżultati ambjentali mir-riżorsi pubbliċi disponibbli għall-PAK. Għad hemm bżonn ta' aktar investiment fil-monitoraġġ ambjentali u l-evalwazzjoni tal-politika sabiex dawk li jfasslu l-politika jkunu jistgħu jieħdu deċiżjonijiet aktar informati.

## Konklużjonijiet

Wieħed jista' jasal għal għadd ta' konklużjonijiet mir-rapport ta' l-EEA, 'Integrazzjoni ta' l-ambjent fi ħdan il-politika agrikola ta' l-UE', li huma marbuta mat-tfassil tal-politika, l-implimentazzjoni tal-politika u l-evalwazzjoni tal-politika:

1) Il-politika agrikola ta' l-UE tipprovdi opportunità importanti biex tittejjeb il-ġestjoni ambjentali fis-settur tal-biedja. Bħala riżors pubbliku din għandha tintuża b'mod effettiv sabiex il-benefiċċju ambjentali jilħaq livell massimu.

2) It-tfassil tal-PAK issa jinkludi firxa wiesgħa ta' strumenti politiċi agri-ambjentali li jistgħu jgħinu l-implimentazzjoni ta' linji politiċi ambjentali aktar wiesgħin, bħal Natura 2000. L-iskemi agri-ambjentali, per eżempju, jistgħu jgħinu fiż-żamma ta' prattiċi ta' biedja estensivi f'żoni ta' Natura 2000. Dawn il-prattiċi huma ta' spiss essenzjali għaż-żamma tal-kwalità ekoloġika ta' ambjenti ta' raba' f'dawn iż-żoni.

3) L-effettività ta' skemi agri-ambjentali tiddependi b'mod partikolari fuq l-implimentazzjoni fuq livell nazzjonali u l-immirar ġeografiku. Analiżi tan-nefqa tal-baġit fid-diversi reġjuni ta' l-UE-15 turi illi l-immirar ta' skemi agri-ambjentali fuq żoni ta' raba' ta' valur għoli għan-natura, b'mod partikolari dawk fi ħdan is-siti ta' Natura 2000, jista' jiġi mtejjeb.

4) Id-dejta u l-indikaturi preżenti m'humiex biżżejjed sabiex tkun tista' ssir stima tajba ta' l-effett ambjentali tal-PAK. Investiment adegwat fir-riżorsi tal-ġbir tad-dejta u ta' l-evalwazzjoni tal-politika huwa meħtieġ sabiex jiġi stmat jekk il-linji politiċi li jappoġġaw l-integrazzjoni ambjentali humiex effettivi jew effiċjenti. Dawn l-eżerċizzji ta' evalwazzjoni huma essenzjali sabiex jiġu żgurati riżultati aħjar mill-baġit allokat għall-miżuri politiċi (agri-ambjentali) ewlenin.

## Referenzi

EEA (2005a). Environmental policy integration in Europe — state of play and an evaluation framework. (Integrazzjoni tal-politika ambjentali fl-Ewropa — sitwazzjoni u qafas għall-evalwazzjoni). Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, Kopenħagen.

EEA (2005b). Agriculture and environment in the EU-15 — the IRENA indicator report, (Agrikultura u ambjent fl-UE-15 — ir-rapport indikatur ta' l-IRENA). Pubblikazzjoni konġunta mid-DĠ Agrikultura u Żvilupp Rurali, DĠ Ambjent, Eurostat, u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, Kopenħagen.

EEA (2006). The integration of environment into EU agricultural policy — the IRENA indicator-based assessment report (L-integrazzjoni ta' l-ambjent fil-politika agrikola ta' l-UE — ir-rapport IRENA ta' evalwazzjoni bbażat fuq l-indikaturi). Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, Kopenħagen

Kleijn, D u Sutherland, W.J. (2003). 'How effective are agri-environment schemes in conserving and promoting biodiversity?' ('Kemm huma effettivi l-iskemi ta' l-agri-ambjent fil-konservazzjoni u l-promozzjoni tal-bijodiversità?') Journal of Applied Ecology, 40, paġni 947–969.

European Environment Agency
Kongens Nytorv 6
1050 Copenhagen K
Denmark

Tel.: +45 33 36 71 00
Fax: +45 33 36 71 99

Web: www.eea.eu.int
Enquiries: www.eea.eu.int/enquiries

Publications Office

ISBN 92-9167-833-3
9 789291 678334